

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Proprjetà Fiż-żwieġ U Fis-sħubijiet Ċivili](#) > [Reġimi Tal-Proprjetà Matrimonjali](#) > Finland

## Reġimi tal-Proprjetà Matrimonjali



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Hemm reġim tal-proprjetà matrimonjali statutorju f'dan l-Istat Membru? X'jipprovdi?

Is-sistema Finlandiża li tirregola l-beni tal-miżżewġin hija bbażata fuq il-kunċett ta' komunjoni differita tal-beni. Dan ifisser li matul iż-żwieġ, il-beni għandhom sjieda separata, iżda jekk iż-żwieġ jiġi xolt, il-beni jiġu diviżi b'mod ugwali bejn il-konjuġi.

Id-dħul fiż-żwieġ ma jbidilx is-sjieda tal-beni tal-konjuġi. Skont l-Att Finlandiż dwar iż-Żwieġ (*Avoliittolaki* 234/1929), beni li jappartjenu għal wieħed mill-konjuġi qabel iż-żwieġ jibqgħu l-beni ta' dak il-konjuġi matul iż-żwieġ. Kwalunkwe proprjetà li jakkwista jew jirċievi bħala wirt jew rigal matul iż-żwieġ tibqa' wkoll parti mill-beni tiegħu. Minbarra l-beni, id-djun huma separati wkoll, li jfisser li kull wieħed mill-konjuġi waħdu jkun responsabbli għal kwalunkwe dejn li jkun ġarrab qabel jew matul iż-żwieġ. Madankollu, iż-żewġ konjuġi jkunu responsabbli *in solidum* għal dejn imġarrab minn wieħed mill-konjuġi għall-manteniment tal-familja.

Skont is-sistema Finlandiża li tirregola l-beni tal-miżżewġin, kull wieħed mill-konjuġi għandu dritt biż-żwieġ għall-beni tal-konjuġi l-ieħor. Dan id-dritt jintitola lil kull wieħed mill-konjuġi, jew lir-romol u lill-werrieta tal-konjuġi deċeduti, għal nofs il-beni netti tal-konjuġi meta l-beni tal-miżżewġin jiġu diviżi max-xoljiment taż-żwieġ. Id-dritt biż-żwieġ ikopri l-beni kollha irrISPETTIVAMENT minn meta u kif il-konjuġi jkunu kisbu jew irċewew il-beni qabel iż-żwieġ. Madankollu, il-konjuġi jistgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dritt biż-żwieġ fiż-żwieġ tagħhom billi jagħmlu ftehim dwar il-beni tal-miżżewġin. Barra minn hekk, il-beni kollha riċevuti minn wieħed mill-konjuġi bħala rigal, minn testment jew minn klawżola ta' benefiċjarju li tistipula li l-konjuġi futur tar-riċevitur ma għandu jkollu l-ebda dritt biż-żwieġ għall-beni inkwistjoni huma esklużi ukoll mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt biż-żwieġ.

### 2 Il-miżżewġin, kif jistgħu jirregolaw ir-reġim tal-proprjetà matrimonjali tagħhom? X'inhuma r-rekwiżiti formali f'dan il-każ?

Il-konjuġi jistgħu, qabel ma jidħlu fiż-żwieġ jew matul iż-żwieġ, jikkonkludu ftehim dwar il-beni tal-miżżewġin. Ftehim dwar il-beni tal-miżżewġin jaffettwa kif jiġu diviżi l-beni tal-miżżewġin. Pereżempju, il-konjuġi jistgħu jaqblu li wieħed mill-konjuġi ma jkollux dritt biż-żwieġ għal xi beni tal-konjuġi l-ieħor, iżda kull wieħed mill-konjuġi jżomm il-beni tiegħu. Il-konjuġi jistgħu wkoll jaqblu li ċerti beni huma esklużi mid-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin.

Il-ftehim dwar il-beni tal-miżżewġin irid jiġi konkluż bil-miktub u jkun datat u ffirmat. Barra minn hekk, żewġ persuni mingħajr interessi jridu jkunu xhieda għalih. Il-ftehim dwar il-beni tal-miżżewġin jidhlo fis-seħħ meta jiġi rreġistrat mill-uffiċċju tar-reġistru lokali [*maistraatti*] (jew mill-Aġenzija tas-Servizzi tad-Data Diġitali u tal-Popolazzjoni [*Digi- ja väestötietovirasto*] mill-bidu tal-2020).

### 3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' kif jiġi rregolat reġim tal-proprjetà matrimonjali?

L-Att dwar iż-Żwieġ fih ċerti restrizzjonijiet li jikkonċernaw l-amministrazzjoni ta' assi bħad-dar komuni jew il-beni mobbli tal-unità domestika tal-konjuġi. L-ebda wieħed mill-konjuġi ma jista', mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-konjuġi l-ieħor, jittrasferixxi beni immobbli maħsuba biex jintużaw bħala d-dar komuni tal-konjuġi. Mingħajr il-kunsens tal-konjuġi l-ieħor, l-ebda wieħed mill-konjuġi ma jista' jittrasferixxi drittijiet ta' lokazzjoni jew oħrajn li jintitolaw il-pussess ta' appartement maħsub biex jintuża bħala d-dar komuni tal-konjuġi; beni mobbli li jiffirmaw parti mill-oġġetti komuni tal-unità domestika użati miż-żewġ konjuġi; kwalunkwe għodda meħtieġa użata mill-konjuġi l-ieħor; jew beni mobbli maħsuba għall-użu personali tal-konjuġi l-ieħor jew tat-tfal.

Id-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin tista' tiġi aġġustata jekk inkella id-diviżjoni tkun twassal għal riżultat mhux raġonevoli jew twassal biex il-konjuġi l-ieħor jirċievi benefiċċju finanzjarju inġust. Dan ifisser li f'każ individwali, abbażi ta' kunsiderazzjoni raġonevoli, tista' ssir deroga mir-regoli li f'każijiet oħra jkunu applikabbli għad-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin. Meta jiġi kkunsidrat l-aġġustament tad-diviżjoni tal-assi tal-miżżewġin, trid tingħata attenzjoni speċjali għad-durata taż-żwieġ, għall-attivitajiet tal-konjuġi għall-unità domestika komuni tagħhom u għall-akkumulazzjoni u għall-preservazzjoni tal-beni, kif ukoll għal fatti komparabbli oħra rigward il-finanzi tal-konjuġi.

Meta tkun qed tiġi aġġustata d-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin, jista' jiġi ordnat li wieħed mill-konjuġi, skont id-dritt biż-żwieġ, ma jirċievux beni tal-konjuġi l-ieħor jew li dan id-dritt għandu jkun ristrett; li xi beni għandhom jiġu esklużi totalment jew parzjalment mid-dritt biż-żwieġ fid-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin; jew li l-beni kollha jew parti minnhom li jkunu ġew esklużi mid-dritt biż-żwieġ tal-konjuġi l-ieħor permezz ta' ftehim taż-żwieġ, għandhom jitqiesu, fid-diviżjoni, bħala beni totalment jew parzjalment soġġetti għad-dritt biż-żwieġ tal-konjuġi l-ieħor.

### 4 X'inhuma l-effetti legali ta' divorzju, separazzjoni jew annullament fuq il-proprjetà matrimonjali?

Meta l-proċedimenti relatati mad-divorzju jkunu pendenti jew meta ż-żwieġ ikun ġie xolt, trid issir diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin jekk wieħed mill-konjuġi jew werriet tal-konjuġi deċedut jitlob hekk. F'din id-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin, id-dritt biż-żwieġ jiġi realizzat billi jiġi ddeterminat l-ammont li l-konjuġi li l-beni netti tiegħu jkunu akbar irid jgħaddi lill-konjuġi l-ieħor. Jekk l-ebda wieħed mill-konjuġi ma jkollu dritt biż-żwieġ għall-beni tal-konjuġi l-ieħor, il-beni tal-konjuġi jridu jiġu separati u mhux diviżi. Jekk il-konjuġi jkollhom beni konġunti, it-tali beni jridu jiġu diviżi fuq talba meta l-beni tal-miżżewġin ikunu qed jiġu diviżi jew meta l-beni tal-konjuġi ikunu qed jiġu separati.

Barra minn hekk, tista' titwettaq ukoll diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin jekk tkun inqatgħet sentenza barranija dwar is-separazzjoni għall-konjuġi li l-kwistjonijiet dwar il-beni tal-miżżewġin tagħhom ikunu rregolati bid-dritt tal-Finlandja. Madankollu, id-diviżjoni ma tistax issir jekk il-konjuġi jerġgħu jibdew jgħixu flimkien wara s-sentenza dwar is-separazzjoni.

### 5 X'inhuma l-effetti tal-mewt ta' wieħed mill-miżżewġin fuq ir-reġim tal-proprjetà matrimonjali?

Fil-prinċipju, jiġu segwiti l-istess regoli meta ż-żwieġ jiġi xolt minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.

Jekk il-konjuġi deċedut ikun ħalla werrieta diretti (tfal jew id-dixxendenti tagħhom), ir-romol u l-verrieta tal-persuna deċeduta jistgħu jitolbu diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin. F'din id-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin, ir-regola ewlenija hija li l-beni kollha jiġu diviżi b'mod ugwali. Nofs il-beni jmur għand il-konjuġi superstiti u n-nofs l-ieħor jinqasam bejn il-verrieta. Madankollu, jekk ir-romol ikollhom aktar beni mill-konjuġi deċedut, dawn ikollhom id-dritt li jżommu l-beni kollha tagħhom.

Jekk żwieġ jiġi xolt minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi iżda l-konjuġi deċedut ma jkun ħalla l-ebda werriet dirett, ir-romol jirtu l-assi kollha tal-konjuġi deċedut, sakemm il-konjuġi deċedut ma jkunx ordna xi mod ieħor f'testament. F'każ bħal dan, il-beni tal-miżżewġin ma jiġux diviżi bejn il-beni tal-ewwel konjuġi deċedut u l-konjuġi

superstitu. Ir-regola ġenerali hija li huwa biss wara l-mewt taż-żewġ konjuġi li l-beni li jkunu tħallew mill-aħħar konjuġi superstiti jridu jiġu diviżi b'mod ugwali bejn il-verrieta taż-żewġ konjuġi. Ir-romol ma jistgħux iħallu dak li kieku kienu jirtu l-verrieta tal-ewwel konjuġi deċedut.

Sakemm il-verrieta diretti ma jitolbux id-diviżjoni tal-patrimonju jew jekk dan ikun meħtieġ mit-termini ta' testament li jkun ħalla l-konjuġi deċedut, il-konjuġi superstiti jista' jżomm il-pussess tal-patrimonju mhux diviż tal-konjuġi deċedut. Madankollu, il-konjuġi superstiti għandu d-dritt li jżomm il-pussess tad-dar komuni tal-konjuġi u l-beni mobbli komuni kollha tal-unità domestika b'mod indiviż, dment li r-romol ma jkunux is-sid ta' residenza oħra li hija idonea għal dar.

## 6 Liema awtorità għandha l-kompetenza li tiddeċiedi f'każ marbut mar-reġim tal-proprjetà matrimonjali?

Fil-Finlandja, l-awtoritajiet ma jiffrux proċeduri dwar il-beni tal-miżżewġin fuq inizjattiva tagħhom stess. Jekk il-konjuġi jonqsu milli jilħqu ftehim dwar id-diviżjoni, il-Qorti Distrettwali (*käräjäoikeus*) taħtar eżekutor, fuq rikors, biex iwettaq id-diviżjoni ta' beni tal-miżżewġin.

## 7 X'inhuma l-effetti tar-reġim tal-proprjetà matrimonjali fuq ir-relazzjonijiet legali bejn konjuġi u parti terza?

Bħala regola, iż-żwieġ ma jillimitax id-dritt ta' konjuġi li jikkonkludi xi ftehimiet, iżda matul iż-żwieġ kull konjuġi għandu d-dritt li jieħu deċiżjonijiet dwar il-beni tiegħu mingħajr il-kunsens tal-konjuġi l-ieħor.

Barra minn hekk, konjuġi mhuwiex direttament responsabbli skont il-liġi għal dejn imġarrab mill-konjuġi l-ieħor. Madankollu, il-konjuġi huma responsabbli *in solidum* għal dejn meħud minn wieħed mill-konjuġi għall-manteniment tal-familja, kif ukoll għall-ħlas tal-kera għal appartament komuni tal-konjuġi. Il-konjuġi jistgħu jgħid jidher lokazzjoni għall-appartament konjunt tagħhom flimkien, anke meta l-lokazzjoni tkun ġiet iffirmata minn wieħed mill-konjuġi biss.

Id-drittijiet tal-kredituri huma protetti fl-Att dwar iż-Żwieġ li jistipula li konjuġi ma jistax jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu fid-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin b'mod li dan ikun vinkolanti fuq il-kredituri. Jekk, fid-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin, wieħed mill-konjuġi jkun għadda xi beni lill-konjuġi l-ieħor jew lill-verrieta tal-konjuġi l-ieħor b'valur li jaqbeż konsiderevolment dak li missu ta, id-diviżjoni tista' titreġġa' lura u titqiegħed f'fond tal-falliment.

## 8 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura għad-diviżjoni, inklużi l-partizzjoni, id-distribuzzjoni u l-likwidazzjoni, tal-proprjetà matrimonjali f'dan l-Istat Membru.

Fil-Finlandja, l-awtoritajiet ma jiffrux proċeduri dwar il-beni tal-miżżewġin fuq inizjattiva tagħhom stess. Meta l-proċedimenti relatati mad-divorzju jkunu pendenti jew meta ż-żwieġ ikun ġie xolt, trid issir diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin jekk wieħed mill-konjuġi jew verriet tal-konjuġi deċedut jitlob hekk. Jekk l-ebda wieħed mill-konjuġi ma jkollu dritt biż-żwieġ għall-beni tal-konjuġi l-ieħor, trid issir separazzjoni tal-beni tal-konjuġi minflok diviżjoni.

F'diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin minħabba divorzju, ir-regola ewlenija hija li l-beni kollha jiġu diviżi b'mod ugwali, sakemm il-konjuġi ma jkunux ikkonkludew ftehim dwar il-beni tal-miżżewġin. Id-diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin tista' tiġi aġġustata wkoll jekk, mingħajr l-aġġustament, din kieku twassal għal riżultat mhux raġonevoli. Il-beni konjunti tal-konjuġi jridu jiġu diviżi wkoll fuq talba, fil-każ ta' diviżjoni jew ta' separazzjoni tal-beni.

Meta żwieġ jiġi xolt minħabba l-mewt ta' konjuġi u l-konjuġi deċedut ikun ħalla verrieta diretti (tfa' jew id-dixxendenti tagħhom), ir-romol u l-verrieta tal-persuna deċeduta jistgħu jitolbu diviżjoni tal-beni tal-miżżewġin. F'din id-diviżjoni, ir-regola ewlenija hija li l-beni kollha jiġu diviżi b'mod ugwali. Nofs il-beni jmur għand il-konjuġi superstiti u n-nofs l-ieħor jinqasam bejn il-verrieta. Jekk, min-naħa l-oħra, il-konjuġi superstiti jkollu aktar beni mill-konjuġi deċedut, il-konjuġi superstiti dejjem ikollu d-dritt li jżomm il-beni kollha tiegħu. Jekk żwieġ jiġi xolt minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi iżda l-konjuġi deċedut ma jkun ħalla l-ebda verriet dirett, il-konjuġi superstiti jret l-assi kollha tal-konjuġi deċedut, sakemm il-konjuġi deċedut ma jkunx stabbilixxa xi mod ieħor

f'testment. Ir-regola ġenerali hija li huwa biss wara l-mewt taż-żewġ konjuġi li l-beni li jkunu tħallew mill-aħħar konjuġi superstiti li jridu jiġu diviżi b'mod ugwali bejn il-werrieta taż-żewġ konjuġi.

Il-partijiet jistgħu jwettqu d-diviżjoni huma stess skont ftehim reċiproku (diviżjoni bi ftehim). Jekk il-partijiet jonqsu milli jilħqu ftehim, id-diviżjoni ssir minn eżekutor maħtur mill-qorti wara rikors minn wieħed mill-konjuġi (diviżjoni mwettqa bil-qorti).

Meta d-diviżjoni titwettaq bi ftehim, id-diviżjoni trid tiġi rreġistrata f'dokument li jrid ikun datat u ffirmat. Barra minn hekk, żewġ persuni mingħajr interessi jridu jkunu xhieda għalih. Jekk eżekutor iwettaq id-diviżjoni, id-diviżjoni trid tkun abbozzata fil-forma ta' dokument, iffirmit mill-eżekutor.

Id-dokument jista' jiġi ppreżentat lill-uffiċċju tar-reġistru lokali (mill-bidu tal-2020, l-Aġenzija tas-Servizzi tad-Data Diġitali u tal-Popolazzjoni) għar-reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni tad-dokument tad-diviżjoni tipproteġi lil kull wieħed mill-konjuġi minn talbiet ta' rkupru mill-kredituri tal-konjuġi l-ieħor; din ma taffettwax b'xi mod ieħor il-validità tad-diviżjoni tal-assi bejn il-partijiet.

## 9 X'inhuma l-proċedura u d-dokumenti jew l-informazzjoni tipikament meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Is-sjieda tal-beni tista' tiġi rreġistrata billi ssir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-titolu. Ir-reġistrazzjoni tat-titolu tiddaħħal fit-titolu pubbliku u fir-reġistru tal-ipoteki. Ladarba t-titolu għal beni jkun ġie rreġistrat, is-sid il-ġdid jidher fuq iċ-ċertifikat tat-titolu.

Jekk is-sjieda tal-beni tinbidel minħabba d-diviżjoni jew is-separazzjoni tagħhom, il-ftehim oriġinali ta' diviżjoni jew ta' separazzjoni tal-beni, spjegazzjoni tar-raġunijiet għad-diviżjoni tal-beni (eż. notifika mill-Qorti Distrettwali li tindika li ġew ippreżentati quddiemha proċedimenti relatati mad-divorzju), kif ukoll kwalunkwe riċevuta ta' ħlas ta' taxxa fuq it-trasferiment, iridu jintbagħtu lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istħarriġ tal-Artijiet tal-Finlandja [*Maanmittauslaitos*] għall-finijiet tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-titolu.

Il-perjodu għar-reġistrazzjoni tat-titolu ta' beni diviżi minħabba x-xoljiment ta' żwieġ jibda minn meta tidħol fis-seħħ id-diviżjoni. Il-perjodu għar-reġistrazzjoni tat-titolu huwa ta' sitt xhur.

---

L-aħħar aġġornament: 15/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.